Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Ghawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 162/2017

Wara l-ittra uffiċjali numru 162/2017 tat-28 ta' Marzu, 2017:

**Automated Revenue Management Services Limited (appellata)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Rabat, Għawdex (appellant)**

26 ta' Settembru, 2019.

1. Permezz ta' rikors preżentat mill-Kunsill Lokali Rabat, fl-20 ta' April, 2017, ikkontesta Ittra Uffiċjali li ppreżentat ARMS Ltd fit-28 ta' Marzu, 2017. B'dak l-att ġudizzjarju kienet sejħet lill-Kunsill Lokali sabiex iħallas is-somma ta' tlettax-il elf sitt mija tnejn u sittin Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€13,662.53) ammont dovut għall-konsum ta' elettriku, kera ta' arloġġ tal-ilma fuq il-kont numru 101000133419. Ittra Uffiċjali li ppreżentat *ai termini* tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12.

2. Fir-rikors promotur il-Kunsill argumenta illi:

   i. Fl-ewwel lok irid jiġi mistħarreġ jekk dak il-ħlas mitlub huwiex preskritt skond l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

   ii. Il-Kunsill Lokali qatt ma kellu xi tip konnessjoni mal-*meter* in kwistjoni, jew mal-*fairy lights* li dwarhom jirrigwarda l-istess *meter.*

3. Permezz ta' tweġiba preżentata fis-16 ta' Mejju, 2017, ARMS Ltd. eċċepiet li:

   i. L-ammont mitlub hu dovut;

ii. Mhux minnu li l-Kunsill qatt ma kellu konnessjoni mal-*meter* in kwistjoni u dan kif jirriżulta mill-applikazzjoni li saret minn Miriam Attard għan-nom tal-Kunsill Lokali;

iii. Għalkemm ingħata s-servizz lill-Kunsill Lokali tar-Rabat, baqa' ma ħallasx l-ammonti dovuti u kien għalhekk illi ARMS Ltd. ipproċediet b'Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12.

1. B'sentenza tas-16 ta' April, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ċaħdet it-talba tar-rikorrent.

2. Il-Kunsill Lokali appella u l-aggravji huma:-

   i. Mill-provi li tressqu, l-ewwel qorti ma kellhiex tiċħad il-pretensjoni tal-Kunsill li l-azzjoni tal-appellata kienet preskritta skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Il-Kunsill ilmenta li l-ewwel qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li tressqu waqt is-smigħ. Spjega li mill-fatt stess li Miriam Attard xehedet li l-Kunsill ma kienx applika għas-servizz, għaldaqstant kien ovvju li l-Kunsill ma kienx debitur tal-appellata.

   ii. L-ewwel qorti għamlet ukoll apprezzament tal-provi ħażin meta kkonkludiet li l-Kunsill kellu konnessjoni mal-arloġġ tad-dawl li dwaru intalab il-ħlas. Semma kif per eżempju l-firma fuq l-applikazzjoni ma kinitx ta' Miriam Attard, Segretarja Eżekuttiv tal-Kunsill. Żied li Miriam Attard lanqas biss ma kienet taf li saret applikazzjoni. Fil-fatt f'ittra datata 26 ta' April 2005 lill-Enemalta, intalab permess sabiex il-*fairy lights* jitqabbdu mad-dawl tat-toroq. Kien id-dmir tal-appellata li tiżgura li l-applikazzjoni li saret, tkun valida. Il-kuntrattur lanqas ma kien awtorizzat li japplika għas-servizz għan-nom tal-Kunsill. Bir-raġunament tal-ewwel qorti, il-Kunsill ser jiġi mġiegħel iħallas kont li qatt m'applika għalih u għall-arloġġ li lanqas m'għandu ideja fejn qiegħed.

iii. L-ewwel qorti waslet ukoll għall-konklużjoni li lanqas ma ġiet konvinta li l-*fairy lights* intużaw biss għall-perjodu qasir. Il-Kunsill argumenta li qatt m'applika għall-arloġġ u lanqas jaf fejn qiegħed. Għalhekk żgur m'għamilx użu minnu għall-attivitajiet oħra li organizza. Dan apparti li l-uffiċċju tal-Kunsill għandu arloġġ differenti għall-użu.

3. **<u>L-ewwel aggravju – preskrizzjoni</u>**.

3.1 Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li ma jirriżultax li l-uniku xhud li ressaq il-Kunsill Lokali, xehedet li l-kunsill mhuwiex debitur (artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili).

3.2 F'kull każ fl-atti hemm minuta ta' laqgħa tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru, 2016 li taqra:-

> *"8.13 l-ARMS Ltd rigward kont pendenti li l-Kunsill għandu fuq il-konsum tad-dawl li kien jissupplixxi l-elettriku għall-fairy lights ta' Pjazza Indipendenza. Dawn il-fairy lights kienu saru bejn l-2004 u l-2006 u ma kinux ġew mibdula u għalhekk wara li dawn ma baqgħux jiffunzjonaw ma kienx hemm aktar konsum minn fuq dan il-meter.* ***Il-Kunsill mhux konvint li <u>l-ammont ta' konsum kellu jitla' daqshekk</u> u għalhekk mhux jirrikonoxxi l-ammont dovut****".*

3.3 Kliem li għall-qorti jfisser li l-Kunsill kien qiegħed jikkontesta l-ammont pretiż mnn ARMS Limited u mhux li ma kienx debitur tal-appellata. Minuta li fiha nnifisha hi prova ta' interruzzjoni u rinunzja ta' preskrizzjoni, għaliex b'dak il-kliem wieħed jista' jifhem biss li l-Kunsill kien aċċetta li xi ħlas kien dovut lill-appellata. L-istess jingħad fir-rigward ta' dik il-parti tad-depożizzjoni ta Miriam Attard li l-appellant rriproduċa fir-rikors tal-appell (ara fol. 266-267).

3.4 Fil-fehma tal-qorti, l-argumenti tal-Kunsill ma jwasslux lil din il-qorti għall-konklużjoni li l-ewwel qorti għamlet żball manifest meta kkonkludiet li dak li jeżiġi l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, ma sarx min-naħa tal-Kunsill.

4. **<u>It-tieni aggravju u tielet aggravju – meritu</u>**.

4.1 Li jingħad li l-Kunsill *"qatt ma kellu xi tip ta' konnessjoni mal-meter in kwistjoni, jew inkellha mal-Fairy Lights li lilhom jirrigwarda l-istess meter"*, mhuwiex korrett.

4.2 Attard xehedet li *"bħala meter tad-dawl m'għandix amment li konna applikajna għax jien dejjem bil-ħsieb ġo moħħi li ħa jkunu jaħdmu mad-dawl tal-gvern. Issa dawn il-fairy lights"*. Il-Kunsill isostni li l-firma fuq l-applikazzjoni a fol. 31 mhijiex ta' Miriam Attard. Mad-daqqa t'għajn hu evidenti li l-firma fuq l-applikazzjoni mhijiex ta' Miriam Attard. F'dan ir-rigward wieħed jista' jqabbel il-firma fuq l-applikazzjoni (fol. 31) u l-firma ta' Attard a fol. 126. Mhemm l-ebda qbil bejn iż-żewġ firem. Pjuttost *prima facie* jidher li l-applikazzjoni kienet iffirmat minn Stefan Farrugia, kuntrattur li nkariga l-Kunsill sabiex jagħmel ix-xogħol. Konklużjoni li l-qorti tasal għaliha meta tqabbel il-firma a fol. 31 mal-firma li hemm fid-dokument bid-dettalji tal-kuntrattur li rebaħ it-tender (fol. 93). Madankollu hemm provi li:-

i. L-arloġġ tad-dawl twaħħal fit-12 ta' Diċembru, 2005.

ii. B'ittra datata 26 ta' April, 2015 li l-Kunsill Lokali bagħat lill-Enemalta (fol. 94), talab permess sabiex *"... **nikkomunikaw** dawn id-dwal, li għandhom konsum baxx ħafna, **mas-sistema tad-dawl tat-triqat** ħalli jinxtegħlu u jintfew fl-istess ħin"*.

iii. It-tweġiba tal-Enemalta ingħatat b'ittra tal-21 ta' Lulju, 2005 (fol. 125) u għarraf lill-Kunsill Lokali:

> *"Kindly note that an Application Form A has to be submitted and the Lm70 fee paid with application.*
>
> ***Plastic box has to be provided to house meter, service box and switchgear as per standard procedure**. Once application is submitted, supply will be provided in the shortest time possible. Copy of Form A is enclosed for your convenience"*.

iv. Mill-ittra tal-Enemalta hu ċar li għall-*fairy lights* kellu jitwaħħal arloġġ tad-dawl ġdid. Fil-fatt mal-ittra ntbgħatet applikazzjoni. Għalhekk il-Kunsill Lokali kien jaf li biex jagħmel il-bozoz tal-Milied kellu japplika biex jitwaħħal arloġġ tad-dawl.

v. Jirriżulta wkoll li l-Kunsill ħallas Lm70 li tirreferi għall-*connection fee* (ara applikazzjoni għas-servizz tal-elettriku l-ewwel faċċata a fol. 31 u *payment voucher* a fol. 126 li ppreżentat Miriam Attard). Fit-tieni dokument, li l-qorti qegħda tifhem li kitbet Miriam Attard, jingħad li l-ħlas jirrelata għal *"**Electric Meter** for Fairy Lights in Independence Sqr"*. B'hekk il-Kunsill kien jaf li ser jitwaħħal arloġġ tad-dawl u kien hemm il-kunsens tiegħu. Kieku ma kienx hemm kunsens jew talba tal-Kunsill sabiex jitpoġġa arloġġ tad-dawl, il-Kunsill ma kienx iħallas Lm70 bħala *connection fee*. Prova oħra li sar il-ħlas mill-Kunsill Lokali hi l-aħħar faċċata tal-applikazzjoni (fol. 33) fejn jissemma l-istess ċekk numru (4283) li jissemma' fil-*payment voucher* tal-Kunsill a fol. 126.

vi. Għaldaqstant, Attard mhijiex kredibbli meta xehdet li meta sar id-dawl ħasbet li ser jixgħel mad-dawl tal-Gvern (seduti tat-18 ta' April u 14 ta' Ġunju, 2018).

vii. Għalhekk m'għandux raġun il-Kunsill li jargumenta li kulma ried kien li jqabbad il-fairy lights mas-sistema tad-dawl tat-toroq. Kien ċar daqs il-kristall li l-Kunsill kien jaf li ser jitpoġġa arloġġ tad-dawl ġdid, u kien hemm l-approvazzjoni tiegħu. Għalkemm Miriam Attard xehdet li ma kinitx taf li saret l-applikazzjoni biex jitpoġġa arloġġ tad-dawl, mhijiex kredibbli. It-tweġiba li tat l-Enemalta hi ċara u l-ħlas ta' Lm70 sar minn Miriam Attard (Segretarja tal-Kunsill) u s-Sindku (ara *payment voucher* a fol. 126). Għalkemm irriżulta li fuq iċ-ċekk oriġinali kien sar *stop payment*, mill-istess dokument jirriżulta li l-bank bagħat ċekk ieħor għall-istess dokument.

4.3 Il-kontijiet li għalihom jirreferu l-pretensjoni tal-appellata, huma dwar l-arloġġ Banca Giuratale *Fairy Lights*, Pjazza l-Indipendenza, Rabat, Għawdex. L-istess indirizz li hemm fl-applikazzjoni.

4.4 Irriżulta wkoll li l-kontijiet tad-dawl kienu jitħallsu sa qabel il-kont tal-24 ta' Settembru, 2011 (fol. 133). F'dan ir-rigward issir riferenza għall-affidavit ta' Carmel Bajada (fol. 117) u d-dokumenti relattivi li hemm fl-atti. Għalhekk mhijiex kredibbli Miriam Attard meta xehdet li qatt ma rċevew kont, *".... jiġifieri fiż-żmien meta kien hemm il-fairy lights mixħgulin u anke snin wara"* (fol. 50). Kieku ma rċevewx kontijiet, ma kienx isir ħlas.

4.5 Mill-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru, 2011 (fol. 69) u 12 ta' Frar, 2012 (fol. 68) hu ċar li l-Kunsill kien jaf li kien tpoġġa arloġġ tad-dawl. Inoltre, hu evidenti wkoll li l-Kunsill kien qiegħed jirċievi l-kontijiet. Fil-minuti hemm miktub:

i. **25.11.2011** – *"12.19 Il-Kunsill irċieva mill-ARMS notifika li jekk ma jitħallasx il-kont tal-main tad-dawl tal-fairy lights ta' Pjazza Indipendenza,* ***dan is-servizz ser jinqata'****. Il-membri qablu li dan ma jitħallasx peress li l-fairy lights huma mitfija u mhux qed ikun hemm konsum"*.

ii. **17.2.2012** – *"2.4 Il-membri ma qablux li jitħallas kont tad-dawl li jkopri l-konsum tal-fairy lights ta' Pjazza Indipendenza. Dan minħabba li l-fairy lights m'għadhomx jiffunzjonaw"*.

4.6 Kien ferm irresponsabbli l-Kunsill ma talabx li s-servizz tal-elettriku jinqata' jekk kif jidher ma kellux iktar bżonn tas-servizz. Il-Kunsill baqa' passiv. Servizz li ngħata fuq talba tal-Kunsill, kif jirriżulta mill-korrispondenza skambjata bejn il-Kunsill u l-Enemalta u l-ħlas ta' Lm70 li għamel il-Kunsill bħala *connection fee*. Attard qalet li kieku l-kontijiet *"intbagħatu fil-ħin ma kienx jitla' daqshekk żgur"*. Il-Kunsill ma jistax jilmenta għan-nuqqas tiegħu li snin ilu jitlob li l-arloġġ tad-dawl jitneħħa.

4.7 Ġialadarba s-servizz tal-elettriku kien installat fuq talba tal-Kunsill, irid iwieġeb għall-kontijiet irrispettivament minn min kien qiegħed jikkonsma l-

elettriku. Il-kontijiet tal-elettriku huma prova li kien hemm konsum tal-elettriku. Għalkemm fil-Banca Giuratale hemm ukoll uffiċċju ta' ħaddieħor, dak il-fatt mhu tal-ebda konsegwenza. Il-ħlas pretiż jirreferi għall-arloġġ tad-dawl li kien ġie nstallat fuq talba tal-Kunsill. Ir-relazzjoni kuntrattwali bejn iż-żewġ partijiet timponi l-obbligu fuq il-Kunsill li jħallas il-kontijiet fuq dak il-kont irrispettivament minn min seta' ħa xi benefiċċju minn dak is-servizz.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

(ft.) Anthony Ellul
Imħallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur